# Kulleġġ San Tumas More

**Skejjel Primarji**

**Eżami ta' Nofs is-Sena**

## MALTI (FEHIM MILL-QARI)

**Is-Sitt Sena** **Frar 2018** **Ħin: 60 minuta**

**Isem:** ________________________________

**Klassi:**________________________________

**Total ta' marki:**

**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**

**Aqra dan l-avviż u wara aħdem l-eżerċizzji.**

# KLABB NARFA



Kull nhar ta' Sibt fl-Iskola Primarja ta' Ħal Narfa

bejn id-9 ta' filgħodu u nofsinhar

mit-3 ta' Marzu sas-16 ta' Ġunju

Tagħlim – Divertiment – Kultura – Krafts – Sports – Drama – Kant – Żfin - Arti – Mużika – Ħarġiet

Jistgħu jattendu tfal bejn ħames snin u ħdax-il sena

Applikazzjonijiet jinkisbu mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Narfa jew minn fuq il-websajt (www.ħalnarfa.com.mt) matul ix-xhur ta' Jannar u Frar

---

Meħtieġa wkoll VOLUNTIERA li lesti joffru ftit ħin fil-ġimgħa tul dawn ix-xhur biex jakkumpanjaw u/jew janimaw lit-tfal.

Min hu interessat li jgħin jista' jimla applikazzjoni li tinkiseb ukoll mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Narfa jew minn fuq il-websajt.

Għal aktar tagħrif ċempel fuq 28450153 jew 97212107 jew ibgħat imejl fuq narfa@gmail.com

**A. Marija hija tifla ta' tmien snin u tixtieq tibda tattendi Klabb Narfa.**

**Immarka (√) hux Veru (V), Falz (F) jew Ma Ssemmietx (MS). (4 marki)**

| | | V | F | MS |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Marija tista' tattendi dan il-klabb darba f'ġimgħa. | | | |
| 2. | Il-klabb se jsir waqt il-vaganzi tas-sajf. | | | |
| 3. | Marija għandha ċans tapplika sal-aħħar ta' Frar. | | | |
| 4. | Din ħa tkun it-tieni darba li ġie organizzat Klabb Narfa. | | | |

**B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel (√) fil-kaxxa t-tajba**

**(6 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Klabb Narfa jiltaqa' kull nhar ta' Sibt fl-iskola Primarja ta' | Ħal Barka. | |
| | | Ħal Narfa. | |
| | | Ħal Għargħur. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2. | Xi attivitajiet għal waqt dan il-klabb huma żfin, kant, | ħjata, ħarġiet, arti. | |
| | | mużika, tisjir, sports. | |
| | | krafts, drama, arti. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3. | It-tfal li jistgħu japplikaw irid ikollhom bejn | tliet snin u ħdax-il sena. | |
| | | ħames snin u ħdax-il sena. | |
| | | ħames snin u tnax-il sena | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | Tista' tiġbor l-applikazzjoni mill- | Kunsill Lokali. | |
| | | kjosk tal-pjazza. | |
| | | knisja parrokkjali. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5. | Il-websajt ta' Klabb Narfa hija | www.narfa.com.mt | |
| | | www.kunsill.com.mt | |
| | | www.ħalnarfa.com.mt | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6. | Meħtieġa voluntiera biex jakkumpanjaw u/jew | jgħinu lit-tfal. | |
| | | janimaw lit-tfal. | |
| | | jgħallmu lit-tfal. | |

**It-Tieni Taqsima** **(20 marka)**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.**

## L-ISKOLA L-ĠDIDA

### L-Ewwel Parti

Il-familja ta' Alex kienu ddeċidew li minħabba x-xogħol il-ġdid li kien ġie offrut lil missieru f'pajjiż barra l-Ewropa, kellhom isiefru u jibdew ħajja ġdida. Ma kinitx deċiżjoni faċli għax Alex diġà kellu erbatax-il sena u ħajtu kienet marbuta ma' Malta. Sħabu, il-qraba u dak kollu li kien dara fih kien jinsab hawn imma kellu jitlaq ma' familtu. (par. 1)

L-unika konsolazzjoni li kienet ġiet f'ras ommu meta kienet tkellmu fuq il-post il-ġdid li kienu sejrin fih, kien li l-appartament li kienu ser



joqogħdu fih kien biswit l-iskola l-ġdida li kien ser jattendi fiha hu. Għalhekk kien ser ikun komdu u Alex ma kienx xi wieħed li kien isibha diffiċli biex jagħmel ħbieb ġodda. "U inti tidra malajr!" kienet qaltlu ommu bi tbissima. (par. 2)

Kien jaf li ma kienx faċli. Aktar u aktar minħabba l-fatt li hemm ma kien jaf lil ħadd u ma kellu lil ħadd. Kien ser jibda kollox mill-ġdid. Imma l-ħajja hija sfida kbira. Il-futur jaf jieħdok f'postijiet li qatt ma tkun ħlomt bihom. Għalhekk aċċetta l-isfida bil-qalb u malajr sab ruħu f'dan il-pajjiż barrani, sejjer lejn l-iskola l-ġdida. Kien eċitat ħafna. Tgħid jilqgħuh? Tgħid jagħmel ħbieb ġodda? Tgħid ikellmuh? (par.3)

F'idejh kellu karta bil-lezzjonijiet kollha li kellu jattendi. L-ewwel lezzjoni tal-Matematika kienet fil-klassi numru għaxra. Malli wasal fil-grawnd, quddiemu ra l-ikbar skola li qatt ra b'għajnejh. (par. 4)

**A. Aħdem dawn li ġejjin, skont is-silta li qrajt.** (8 marki)

**1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (√) fil-kaxxa t-tajba**

| | | |
|---|---|---|
| **i.** | Il-familja t'Alex kienu se jsiefru minħabba x-xogħol il-ġdid tal-omm. | |
| **ii.** | L-ewwel lezzjoni kienet tal-Ingliż. | |
| **iii.** | Alex kellu erbatax-il sena. | |

2. Għaliex ma kinitx deċiżjoni faċli li l-familja t'Alex imorru jgħixu barra? ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3. Sib mis-silta:

   a. Minn **par. 1** sib **kelma waħda** li tfisser **membri tal-familja tagħna**. ______________________

   b. Minn **par. 2** sib **kelma waħda** li turi li **l-appartament u l-iskola kienu viċin xulxin**. ______________________

4. X'taf dwar il-karattru ta' Alex?

______________________________________________

______________________________________________

5. Minn **par. 3** ikteb **is-sentenza** li turi li l-ħajja mimlija diffikultajiet.

______________________________________________

______________________________________________

6. Għal min qed jirreferi l-**pronom mehmuż** ‘***h***’ fil-verb ‘jilqgħu**h**’?

   **par. 3**

   ____________________________________________________

7. Aqleb din is-sentenza għan-**negattiv**:

   L-ewwel lezzjoni tal-Matematika **kienet** fil-klassi numru għaxra.

   **Par. 4**

   L-ewwel lezzjoni tal-Matematika ________________ fil-klassi numru għaxra.

**Kompli *aqra* din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet**

**It-Tieni Parti**

Għal mument xtaq jibda jiġri kemm jiflaħ u jaqbad ajruplan lura lejn Malta u jerġa’ jara lil sħabu li tgħidx kemm iddispjaċihom li kienu ser jinfirdu minn miegħu! Imma għafas il-karta f’idu u kompla jimxi. (par. 5)



Kien wasal xi ftit tard minħabba li ma tantx kien jaf fejn. Xħin sab ruħu fuq l-għatba tal-iskola, induna li l-istudenti kienu diġa' daħlu fil-klassijiet tagħhom. Daħal fil-kuritur u beda jfittex il-klassi numru għaxra. Beda jimxi u jimxi. Fuq naħa kien hemm il-lokers tal-istudenti u fuq in-naħa l-oħra kien hemm il-klassijiet. (par. 6)

Beda jħares lejn in-numri żgħar li kienu mmarkati biswit il-bibien tal-klassijiet. Mija… disgħa u disgħin… tmienja u disgħin… kien fadallu x'jimxi sakemm isib in-numru għaxra! Beda jimxi tul il-kuritur u jħares lejn l-istudenti minn ġol-ħġieġ li kien jifred il-kuritur u l-klassijiet. (par. 7)

Ħaffef ftit ħalli jipprova ma jasalx tard ħafna. Tant kemm kienet kbira din l-iskola li kważi qata' nifsu xħin wasal ħdejn il-klassi numru ħdax! U hekk kif qabad il-pum tal-klassi li kien imiss, induna li din kienet in-numru disgħa! Fejn kienet in-numru għaxra? Beda jdur madwar il-kuritur u jfittex. Iżda ma seta' jsib xejn b'dak in-numru! Għal mument, beda jippanikja! Issa x'kien ser jagħmel? (par. 8)

Beda jdawwar rasu ħalli jara jekk kienx hemm xi ħadd iżda l-kurituri kienu kollha vojta. Ovvjament kulħadd kien qed jagħmel il-lezzjoni. Imbagħad dak il-ħin, donnu lemaħ bieb tal-injam, li kien jidher xi ftit mikul. Kien jidher xi ftit qadim u fuqu kellu miktub in-numru għaxra. Daħal inkiss inkiss u . . . (par. 9)

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek skont is-silta** (8 marki)

1. **Immarka (√) jekk hux Veru jew Falz:**

   Alex wasal ftit tard għal-lezzjoni għax l-iskola l-ġdida kienet kbira ħafna.

   i. VERU ☐ FALZ ☐

2. **Aqta' sing taħt it-tajba:**

   L-istudenti l-oħra kienu (fuq l-għatba tal-iskola, ġol-klassijiet, qed jilagħbu fil-kuritur).

3. Xi xtaq jagħmel f'mument minnhom Alex?

   ________________________________________

   ________________________________________

4. Alex daħal fil-kuritur u beda jfittex il-klassi numru għaxra.

   Iddeskrivi dan il-kuritur.

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

5. Ikteb **in-numru li jmiss**:

   Mija, disgħa u disgħin, tmienja u disgħin, ________________

6. Sib **aġġettiv** minn **paragrafu 9.** ____________________

7. Aqleb din il-frażi fil-**Plural.**

   **Beda jdawwar rasu** ħalli **jara**.... **(par. 9)**

   _______________________ ħalli _____________ ..........

**Ċ. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq is-silta kollha** (4 marki)

1. Fl-ewwel parti tas-silta Alex kien eċitat ħafna. Għaliex?

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Mit-tieni parti tas-silta sib idjoma li turi li Alex għejja jimxi.

_______________________________________________

3. X'taħseb li sab Alex kif fetaħ il-bieb?

_______________________________________________

_______________________________________________

(Addattata mir-rakkont 'L-iskola l-ġdida' ta' Sharon Calleja fuq il-gazzetta Illum tad-29 t'Awwissu, 2017)